(C)

PUBLIC CONTRACTS REVIEW BOARD
RD
14 DEC 2021

Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi

*Re: MFED746/2021 – Open Call/ Negotiated Procedure for the Provision of Cleaning Services in State Schools and Educational Facilities (including Summer) in Malta and Gozo using Environmentally Friendly Products*

**Risposta tal-Ministeru għall-Edukazzjoni** għall-oġġezzjoni mressqa minn E.C Municipals Limited (C62598) kif dedotta fl-ittra tagħha tat-3 ta' Diċembru 2021, fil-konfront tal-process fuq ċitat.

Fatti

Illi fit-22 ta' Novembru 2021, il-Ministeru għall-Edukazzjoni ("il-**Ministeru**") talab l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti ("**DOC**") ai termini tar-Regolament 154(1)(c) tal-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku sabiex tinhareġ procedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni *"for the Provision of Cleaning Services in State Schools and Educational Facilities (including Summer) in Malta and Gozo using Environmentally Friendly Products"* (liema talba għall-approvazzjoni hija hawnhekk mehmuża u mmarkata bħala '**Dok. MFED1**'). *In buona fede*, kif jirriżulta mid-Dok. MFED1, il-Ministeru ma talabx l-approvazzjoni tad-DOC sabiex javviċina u jinnegozja ma operatur speċifiku/operaturi speċifici, iżda talab l-approvazzjoni tad-DOC sabiex il-procedura negozjata ssehh b'mod illi kull min hu interessat u eliġibbli jkun jista` jippartecipa fiha [vide '**Dok. MFED1**' u s-sejħa **Dok. "A"** mehmuża mal-oġġezzjoni mressqa minn E.C Municipals Limited].

Illi fit-23 ta' Novembru 2021 d-DOC approva l-fuq imsemmija talba tal-Ministeru abbażi ta' Regolament 154(1)(c) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (l-imsemmija approvazzjoni hi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok. MFED 2**').

Illi għalkemm, kif fuq imfisser, il-procedura negozjata in kwistjoni setgħet issir mingħajr pubblikazzjoni, fis-26 ta' Novembru 2021, il-Ministeru, *in buona fede*, sabiex jiżgura illi kull min hu interessat u eliġibbli jkun jista` jippartecipa fiha, ippublikaha kemm fuq is-sit elettroniku tiegħu ['**Dok. MFED3**' hawn mehmuż] u kemm fil-Gazzetta tal-Gvern ['**Dok. MFED4**' hawn mehmuż]. Fir-rikors tagħha E.C Municipals Limited imkien ma ssemmi illi s-sejħa ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern ukoll.

Illi irid jiġi rilevat ukoll illi permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern ['**Dok. MFED5**' hawn mehmuż] it-terminu oriġinali ta' għaxart' ijiem mogħti fid-Dok. **MFED3** u **MFED4** sabiex jiġu sottomessi l-offerti, ġie estiż mill-Ministeru sal-20

ta' Dicembru 2021.

Dwar l-aggravji mressqa minn E.C Municipals Limited kif dedotti fl-ittra taghha tat-3 ta' Dicembru 2021

Illi fl-ewwel lok irid jigi rilevat illi fl-ewwel paragrafu tal-oggezzjoni taghha tat-3 ta' Dicembru 2021, E.C. Municipals Ltd tiddikjara illi "***Dan l-appell qieghed isir b'riferenza ghal-lot numru 11*** *izda l-aggravji li ser jigu sollevati huma applikabbli ghal-lots kollha u ghas-sejha in generali.*" B'hekk jidher li E.C. Municipals Ltd qieghda tiddikkjara illi l-appell taghha huwa fir-rigward ta' lot numru 11 biss u li l-interess guridiku taghha huwa limitat ghal dan il-lot numru 11 biss u ghaldaqstant, bir-rispett, dan il-Bord ta' revizjoni ghandu jitratta l-oggezzjoni mertu ta' dawn il-proceduri f'dan l-isfond.

Illi l-Ministeru qed jirrileva immedjatament ukoll illi kif suespost u kif jirrizulta carament mid-dokumenti kollha surriferiti u hawn mehmuza, l-process mertu ta' dawn il-proceduri odjerni hi wahda ta' "Procedura Negozjata" (servizzi) u b'hekk fir-rigward taghha japplikaw ir-regolamenti 150 u 154 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku taht it-titolu "Procedura Negozjata", u mhux dawk ir-regolamenti citati minn E.C. Municipals Ltd fl-oggezzjoni taghha tat-3 ta' Dicembru 2021 (liema regolamenti citati minn E.C. Municipals Ltd japplikaw ghall-procedura miftuha). B'hekk, bir-rispett, ghandu jirrizuta immedjatament illi l-imsemmija oggezzjoni tal-E.C. Municipals Ltd hi totalment infondata hu ghandha tigi respinta.

Illi l-Ministeru issa ser jghaddi biex jirrispingi wahda wahda l-aggravji kollha mressqa minn E.C. Municipals Ltd fl-oggezzjoni taghha tat-3 ta' Dicembru 2021:-

1. Reg. 262 (1)(a) tal-L.S 601.03

Illi taht dan l-aggravju E.C. Municipals Ltd tallega illi r-regolament 116 tal-L.S 601.03 huwa r-regolament applikabbli ghall-kaz odjern u li l-Ministeru kellu jaghti minimu ta' hamsa u tletin jum ghall-ircevuta tal-offerti, li jibdew jiddekorru mid-data li fih l-avviz tal-kuntratt ikun intbaghat lill-Ufficju tal-Publikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja.

Illi kif suespost, it-talba tal-Ministeru lid-DOC, u l-approvazzjoni taghha [**Dok. MFED1** u **MFED2**], saru abbazi ta' Regolament 154(1)(c) tal-L.S 601.03 u b'hekk japplikaw ir-regolamenti 150 u 154 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku taht it-titolu "Procedura Negozjata" u mhux ir-regolament 116 citat minn E.C. Municipals Ltd. L-imsemmi Regolament 154(1)(c) tal-L.S 601.03 jeskludi

espressament l-applikabbilta` tat-termini relattivi għal proċeduri miftuħa jew ristretti jew kompetittivi bin-negozjar. L-istess regolament 154(1)(c) fil-fatt itenni espressament illi l-stess regolament huwa applikabbli propju meta "*il-limiti ta' żmien għal proċeduri miftuħa jew ristretti jew kompetittivi bin-negozjar ma jistgħux jiġu rispettati*".

Illi b'hekk il-Ministeru ma kienx marbut b'terminu minimu ta' hamsa u tletin jum ghall-ircevuta tal-offerti kif allegat minn E.C. Municipals Ltd u t-terminu ta' ghaxart' ijiem moghti mill-Ministeru kien skond il-ligi.

Illi similment, ir-regolamenti 150 u 154 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku imkien ma jirrikjedu illi l-avviz tal-kuntratt ghandu jintbaghat lill-Ufficju tal-Publikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja. Anzi, l-istess regolamenti 150 u 154 specifikament jippermettu "procedura negozjata minghajr publikazzjoni".

Illi totalment minghajr pregudizzju ghas-suespost, u kif ser jigi ippruvat waqt is-smiegh ta' din l-oggezzjoni, dan it-terminu ta' ghaxart' ijiem kien sufficjenti sabiex E.C. Municipals Ltd u offerenti prospettivi ohrajn jippreparaw l-offerta taghhom, u zgur li ma kienx "impossibbli" ghal E.C. Municipals Ltd u offerenti prospettivi ohrajn li jippreparaw l-offerta taghhom entro dan it-terminu; u wisq anqas E.C. Municipals Ltd ma gabet prova ta' din l-impossibilita`. Wiehed ma jridx jinsa wkoll illi, kif fuq espost, fl-ewwel paragrafu tal-oggezzjoni taghha E.C. Municipals Ltd iddikjarat illi *"l-appell qieghed isir b'riferenza ghal-lot numru 11* u b'hekk certament illi ma tezisitix l-impossibilita` sabiex E.C. Municipals Ltd tipprepara offerta ghal lot wiehed biss.

Illi in vista tas-suespost kollu, huwa car illi l-Ministeru mexa skond il-ligi u illi fil-kaz *de quo* ma jezistux ic-cirkostanzi kontemplati fir-Reg. 262 (1)(a) tal-L.S 601.03 u b'hekk bir-rispett dan l-ewwel aggravju tal-E.C. Municipals Ltd ghandu jigi michud.

2. Reg. 262 (1)(b) tal-L.S 601.03

Illi kif fuq imfisser, is-sejha giet ippublikata kemm fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru u kif ukoll fil-Gazetta tal-Gvern (kopja tal-publikazzjonijiet hawn annessi u mmarkati bhala **Doc MFED 3** u **Doc MFED 4** rispettivament).

Illi fir-rikors taghha tat-3 ta' Dicembru 2021 E.C. Municipals Ltd tallega illi l-procedura negozjata mertu ta' dawn il-proceduri kellha tigi ippublikata fuq il-pjattaforma imsejha ePPS, izda fl-istess rikors taghha imkien ma tispecifika liema hu dak ir-regolament li allegatament jirrikjedi tali publikazzjoni.

Illi kif fuq imfisser, il-procedura negozjata mertu ta' dawn il-proceduri saret

abbazi ta' Regolament 154(1)(c) tal-L.S 601.03 u b'hekk japplikaw ir-regolamenti 150 u 154 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku taht it-titolu "Procedura Negozjata" u l-ebda regolament iehor. Kif fuq imfisser, mhux talli r-regolamenti 150 u 154 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku imkien ma jirrikjedu illi l-avviz tal-kuntratt ghandu jigi ippublikat fuq il-pjattaforma imsejha ePPS, izda talli l-istess regolamenti espressament jeskludu l-publikazzjoni. Fil-fatt ir-regolamenti 150 u 154 specifikament jittrattaw u jawtorizzaw "procedura negozjata minghajr publikazzjoni".

Illi b'hekk, in vista tas-suespost kollu, la ma kiex hemm obbligu li ssir publikazzjoni fuq l-ePPS u la ma saritx tali publikazzzjoni fuq l-ePPS, anke l-aggravju tas-socjeta` rikorrenti taht ir-Reg. 262 (1)(b) tal-L.S 601.03 ghandu jigi michud.

3. Reg 262 (1)(e) tal-L.S 601.03

Illi kif jirrizulta mill-oggezzjoni ta' E.C. Municipals Ltd tat-3 ta' Dicembru 2021, dan it-tielet aggravju taghha huwa imfassal fuq iz-zewg aggravji precedenti.

Illi kif fuq imfisser, il-Ministeru mexa skond il-ligi, ma kien hemm l-ebda ksur ta' ligi, u l-procedura *de quo* lanqas x'aktarx se tikser xi ligi jekk titkompla. B'hekk anke dan l-aggravju ta' E.C. Municipals Ltd ghandu jigi michud.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost kollu u kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, it-talbiet tal-E.C. Municipals Ltd ghandhom jigu michuda.

Bl-ispejjez kollha kontra E.C. Municipals Ltd.

Av. Simon Cachia
112, [illegible] Hill, [illegible]

**Sant Josette at MFED** DOK MFED 1

| | |
|---|---|
| **From:** | Sant Josette at MFED |
| **Sent:** | Monday, 22 November 2021 14:28 |
| **To:** | Gili Jacqueline at Department of Contracts |
| **Cc:** | Fabri Francis at MFED; Galea Maria M at MFED; Cachia Anthony J at Department of Contracts; Calleja Graziella at Department of Contracts; Borg Mary Anne A at MFE; Axisa Margherita at MFED |
| **Subject:** | Request for GCC approval in principle respect of an open call/negotiated procedure - Cleaning at MFED State Schools |

Ms Jacqueline Gili
Director
Department of Contracts

MFED is kindly requesting General Contracts Committee's approval in principle to issue an open call/negotiated procedure for the provision of environmental cleaning services in states schools and educational facilities for a period of one year in terms of Article 154 (c) of the Public Procurement Regulations.

MFED is requesting to issue this open call/negotiated procedure (traditional mode) since an approved DOC negotiated procedure with Brightness JV will expire on the 31st December 2021 and a tender for cleaning state schools is still on the market and requires to be evaluated. Hence, in order to give a fair opportunity to contractors, MFED is submitting this request.

This call will be through the traditional mode (10 calendar days) and the estimated cost for one (1) year amounts to €9,650,959.67 and as specified hereunder:

1. € 735,813.33 - Lot 1 – St Nicholas College
2. € 897,333.00 - Lot 2 – St Therese College
3. €1,022,960.00 - Lot 3 – St Thomas More College
4. € 825,546.67 - Lot 4 – St Ignatius College
5. € 574,293.33 - Lot 5 – St Margaret College
6. € 717,866.67 - Lot 6 – St Gorg Preca College
7. €1,651,093.33 - Lot 7 – Maria Regina College
8. €1,040,906.67 - Lot 8 – St Claire College
9. € 753,760.00 - Lot 9 – St Benedict College
10. € 623,786.67 - Lot 10 – Gozo College
11. € 197,413.33 - Lot 11 – Mikiel Anton Vassalli College (Malta and Gozo)
12. € 610,186.67 - Lot 12 – MFED Entities (Malta and Gozo)

Kindly note that the mentioned call shall:

- be published on the government gazette
- be published on the MFED website
- have Offers submitted through a box fixed at MFED Procurement
- have an appeal period of ten (10) calendar days

Kindly be informed that the evaluation report of this call shall be drawn and forwarded for GCC's definite approval.

Funds are available.

Thanks
Josette

Josette Sant
Director
Finance
Strategy and Support Department

t +356 25982420 e josette.sant@gov.mt
www.education.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR EDUCATION
GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

DOK MFED 2

| | |
|---|---|
| **From:** | Calleja Graziella at Department of Contracts |
| **Sent:** | Tuesday, 23 November 2021 10:30 |
| **To:** | Sant Josette at MFED |
| **Cc:** | Fabri Francis at MFED; Galea Maria M at MFED; Cachia Anthony J at Department of Contracts; Gili Jacqueline at Department of Contracts; Borg Mary Anne A at MFE; Axisa Margherita at MFED |
| **Subject:** | CT5000/2021 - Negotiated Procedure for the provision of environmental cleaning services at MFED State schools and educational facilities |

CT 5000/2021

Ms Josette Sant
Director
Finance
Strategy and Support Department
Ministry for Education

**Negotiated Procedure for the provision of environmental cleaning services at MFED State schools and educational facilities**

Reference is made to your e-mail dated 22 November 2021 regarding the subject in caption.

The General Contracts Committee has discussed your request. Approval is hereby being given to conduct a negotiated procedure for the provision of environmental cleaning services in State schools and educational facilities at the estimated cost of €9,650,959.67 for a period of 12 months.

This approval has been granted in terms of Regulation 154 (c) of the Public Procurement Regulations LN352/2016 under the following conditions:

a) these services are absolutely necessary;
b) the most cost effective (value for money) basis was taken into consideration when submitting your request;
c) funds are available;
d) the Economic Operators are to be informed about the VEAT notice during publication of this procedure;
e) the Contracting Authority is to revert for definite approval once the actual economic operator and costs are known;
f) Recommendation for award is subject to the publication of a VEAT notice, observing a minimum 14 day standstill period before the contract is awarded.

Thanks and regards

Graziella Calleja
Assistant Director

f/Director General (Contracts)
Department of Contracts

t +356 25670133 e graziella.calleja@gov.mt
www.finance.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR FINANCE
AND EMPLOYMENT

NOTRE DAME RAVELIN, FLORIANA, MALTA

This Department is a CAF user – Striving Towards Maximum Quality In Our Processes
*Kindly conside... responsibil... e mai*

DOK MFED3

**Sant Josette at MFED**

| | |
|---|---|
| **From:** | Tirchett Sylvana at MFED |
| **Sent:** | Tuesday, 14 December 2021 09:25 |
| **To:** | Sant Josette at MFED |
| **Subject:** | FW: Publication of MFED website for 26/11/2021 |
| **Attachments:** | Screenshot website Education.jpg |
| **Importance:** | High |

Attached is part of publication /confirmation that advertisement was viewable and email below from the publisher of advert on Education website.


Sylvana Tirchett

Manager II

MFED Procurement

Finance Directorate

Strategy & Support Department

t +356 25982398 e sylvana.tirchett@gov.mt
www.education.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR EDUCATION

GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA


*Kindly consider your environmental responsibility before printing*

**From:** Haynes Jagger at MFED-CIO <jagger.haynes@gov.mt>
**Sent:** Friday, 26 November, 2021 11:01 AM
**To:** Tirchett Sylvana at MFED <sylvana.tirchett@gov.mt>
**Cc:** Pellicano Ryan at MFED-CIO <ryan.pellicano@gov.mt>
**Subject:** RE: Publication of MFED website for 26/11/2021

Hi Sylvana,

Please note that the publication has been published on our webpage, linked:
https://education.gov.mt/en/Pages/tenders.aspx

Should you need any amendments or have any questions, please do not hesitate to contact us,

With thanks,


Jagger Haynes
ICT and Business Analyst

Office of the CIO
Office of the Permanent Secretary

t +356 25981813 e jagger.haynes@gov.mt
www.education.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR EDUCATION

GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this*

**From:** Tirchett Sylvana at MFED <sylvana.tirchett@gov.mt>
**Sent:** Friday, 26 November 2021 10:13
**To:** Haynes Jagger at MFED-CIO <jagger.haynes@gov.mt>
**Cc:** Pellicano Ryan at MFED-CIO <ryan.pellicano@gov.mt>
**Subject:** RE: Publication of MFED website for 26/11/2021

Noted with thanks.

Sylvana

Sylvana Tirchett
Manager II

MFED Procurement
Finance Directorate
Strategy & Support Department

t +356 25982398 e sylvana.tirchett@gov.mt
www.education.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR EDUCATION

GREAT SIEGE ROAD,
FLORIANA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

**From:** Haynes Jagger at MFED-CIO <jagger.haynes@gov.mt>
**Sent:** Friday, 26 November, 2021 10:11 AM
**To:** Tirchett Sylvana at MFED <sylvana.tirchett@gov.mt>
**Cc:** Pellicano Ryan at MFED-CIO <ryan.pellicano@gov.mt>
**Subject:** RE: Publication of MFED website for 26/11/2021

Good Morning Sylvana,

Following our phone conversation, this is to confirm that the Publication Number is:

MFED/746/2021

I'll send you a follow-up email as soon as the requested information is published on our webpage,

With thanks,

Jagger Haynes
ICT and Business Analyst
Office of the CIO
Office of the Permanent Secretary

t +356 25981813 e jagger.haynes@gov.mt
www.education.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR EDUCATION

GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA

**From:** Tirchett Sylvana at MFED <sylvana.tirchett@gov.mt>
**Sent:** Thursday, 25 November 2021 15:56
**To:** Pellicano Ryan at MFED-CIO <ryan.pellicano@gov.mt>
**Cc:** Galea Maria M at MFED <maria.m.galea@gov.mt>; Sant Josette at MFED <josette.sant@gov.mt>; Axisa Margherita at MFED <margherita.axisa@gov.mt>
**Subject:** Publication of MFED website for 26/11/2021
**Importance:** High

Dear Ryan

This office requested to issue an advert on the Government Gazette, for an Open Call / Negotiated Procedure.

Kindly publish on the MFED website tomorrow, Friday, 26th November 2021, including tender docs (attached), on the MFED website as follows:

Advert is being sent in Maltese and English.

---

Ministeru għall-Edukazzjoni

Is-Segretarju Permanenti MFED javża li:

L-offerti fir-rigward tal-avviż li ġej jintlaqgħu sat-Tnejn 6 ta' Diċembru 2021 f'12:00 (nofsinhar).

- **Sejħa għall-Offerti Miftuħa / Proċedura Negozjata biex jiġu ipprovduti Servizzi ta' Tindif fi Skejjel tal-Istat u Faċilitajiet Edukattivi (Inkluż is-Sajf) b'Oġġetti ta' Tindif favur l-Ambjent f'Malta u Għawdex**

Dokumenti għall-parteċipazzjoni fl-Offerta ta' hawn fuq jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Taqsima tal-*Procurement*, Uffiċċju 205C, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Floriana jew jitniżżlu mill-websajt tal-MFED. Id-dokumenti għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-MFED nhar il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2021.

L-offerti għandhom jiġu depożitati BISS fil-Kaxxa tal-Offerti li tinsab fl-istess indirizz imsemmi hawn fuq, id-Dipartiment tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Taqsima tal-*Procurement*, Uffiċċju 205C, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Florjana.

Sottomissjonijiet li jidħlu tard mhux se jiġu kkunsidrati.

---

Ministry for Education

PS MFED notifies that:

Tender in respect of the following notice will be received up to Monday 6th December 2021 at 12:00 hrs (noon).

- **Open Call / Negotiated Procedure for the Provision of Cleaning Services in State Schools and Educational Facilities (Including Summer) with Environmentally Friendly Cleaning Items in Malta and Gozo**

Documents for participation in the above Tender can be collected from the Ministry for Education Department, Procurement Section, Office 205 C, Great Siege Road, Floriana or downloaded from the MFED website. Documents shall be published on MFED website on Friday 26th November 2021.

Offers are to be deposited ONLY in the Tender Box located at the same address mentioned above, the Ministry for Education Department, Procurement Section, Office 205 C, Great Siege Road, Floriana.

Late submissions will not be considered.

---

Thanks & Regards

Sylvana

Sylvana Tirchett

Manager II

MFED Procurement

Finance Directorate

Strategy & Support Department
t +356 25982398 e sylvana.tirchett@gov.mt
www.education.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR EDUCATION

GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

# Tenders

## 2021

| Advert No | Subject | Publication Date | Closing Date | Additional Docs | Schedule of Prices | DCC Recommendations |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 1yr Lot 1 FINANCIAL OFFER St Nicholas College.xlsx<br><br>1yr Lot 2 FINANCIAL OFFER St Theresa College.xlsx<br><br>1yr Lot 3 | | |

DOK MFED 4



huwa mdawwar b'bini ta' terzi (landlocked). Dan iċ-ċens se jiġi rivedut wara ħmistax-il (15) sena u irid jiġi mifdi minnufih wara din ir-reviżjoni. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €5,130 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u seba' mija u għaxra ewro (€1,710) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' hamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

Is-26 ta' Novembru, 2021

This site is landlocked, This emphyteusis will be revised after fifteen (15) years and must be redeemed immediately thereafter. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,130 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and seven hundred and ten euro (€1,710) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Advertisements appearing for the first time

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

26th November, 2021

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI

Is-Segretarju Permanenti MFED javża li:

**Offerti rigward l-avviż li ġej jintlaqgħu sat-Tnejn, 6 ta' Diċembru, 2021, f'nofsinhar, għal:**

Offerta miftuħa/proċedura negozjata biex jiġu pprovduti servizzi ta' tindif fi skejjel tal-Istat u faċilitajiet edukattivi (inkluż is-Sajf) b'oġġetti ta' tindif li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent, f'Malta u Għawdex.

Dokumenti għall-parteċipazzjoni fl-offerta ta' hawn fuq jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Taqsima tal-Procurement, Uffiċċju 205C, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, jew jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-MFED. Id-dokumenti għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-MFED nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Novembru, 2021.

L-offerti għandhom jiġu depożitati BISS fil-kaxxa tal-offerti li tinsab fid-Dipartiment tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Taqsima tal-Procurement, Uffiċċju 205C, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana.

Sottomissjonijiet li jidħlu tard mhux se jiġu kkunsidrati.

Is-26 ta' Novembru, 2021

MINISTRY FOR EDUCATION

The Permanent Secretary MFED notifies that:

**Tender in respect of the following notice will be received up to Monday, 6th December, 2021, at noon, for:**

Tender open call/negotiated procedure for the provision of cleaning services in State schools and educational facilities (including Summer) with environmentally friendly cleaning items in Malta and Gozo.

Documents for participation in the above tender can be collected from the Ministry for Education Department, Procurement Section, Office 205 C, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, or downloaded from the MFED website. Documents shall be published on MFED website on Friday, 26th November, 2021.

Offers are to be deposited ONLY in the tender box located at the Ministry for Education Department, Procurement Section, Office 205 C, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana.

Late submissions will not be considered.

26th November, 2021

DOK MFED 5



L-Imsida, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2010_890_1. Dan iċ-ċens se jiġi rivedut wara ħmistax-il (15) sena u jrid jiġi mifdi minnufih wara din ir-reviżjoni. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €7,920 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn u sitt mija u erbgħin ewro (€2,640) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

Is-7 ta' Diċembru, 2021

as shown edged in red on the plan P.D. 2010_890_1. This emphyteusis will be revised after fifteen (15) years and must be redeemed immediately thereafter. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €7,920 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand and six hundred and forty euro (€2,640) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

7th December, 2021

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI

Is-Segretarju Permanenti MFED javża li:

**Offerti rigward l-avviż li ġej jintlaqgħu sat-Tnejn, 20 ta' Diċembru, 2021, f'nofsinhar, għal:**

Offerta miftuħa/proċedura negozjata biex jiġu pprovduti servizzi ta' tindif fi skejjel tal-Istat u faċilitajiet edukattivi (inkluż is-Sajf) b'oġġetti ta' tindif li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent, f'Malta u Għawdex.

Dokumenti għall-parteċipazzjoni fl-offerta ta' hawn fuq jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Taqsima tal-Procurement, Uffiċċju 205C, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, jew jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-MFED. Id-dokumenti għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-MFED nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Novembru, 2021.

L-offerti għandhom jiġu depożitati BISS fil-kaxxa tal-offerti li tinsab fid-Dipartiment tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Taqsima tal-Procurement, Uffiċċju 205C, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana.

Sottomissjonijiet li jidħlu tard mhux se jiġu kkunsidrati.

Id-data tal-għeluq ta' din l-offerta ġiet estiża mis-6 ta' Diċembru, 2021.

Is-7 ta' Diċembru, 2021

MINISTRY FOR EDUCATION

The Permanent Secretary MFED notifies that:

**Tender in respect of the following notice will be received up to Monday, 20th December, 2021, at noon, for:**

Tender open call/negotiated procedure for the provision of cleaning services in State schools and educational facilities (including Summer) with environmentally friendly cleaning items in Malta and Gozo.

Documents for participation in the above tender can be collected from the Ministry for Education Department, Procurement Section, Office 205 C, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, or downloaded from the MFED website. Documents shall be published on MFED website on Friday, 26th November, 2021.

Offers are to be deposited ONLY in the tender box located at the Ministry for Education Department, Procurement Section, Office 205 C, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana.

Late submissions will not be considered.

The closing date of this tender has been extended from the 6th December, 2021.

7th December, 2021